**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (48)

Dilettant ieħor Belti li minn dejjem kellu għal qalbu dawn it-tiġrijiet tradizzjonali u li għal ħafna snin segwa l-aħħar provi tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir hu Leli Cremona. Jien u nkellmu mill-ewwel intbaħt li kien jinteressa ruħu ħafna f'din id-drawwa antika. F'ħin minnhom staqsejtu dwar sehem Marsamxett fir-Regatta Nazzjonali qabel il-gwerra, warajha u fiż-żmienna:

"Kif diġà għidtlek drabi oħra, jingħad li fl-imgħoddi Marsamxett iddomina dawn it-tiġrijiet tradizzjonali tista' tgħid f'kull korsa. Missieri, li miet ta' 91 sena u li sa nofs is-sittinijiet kien għadu jinżel jara t-taħriġ, minn dejjem nisimgħu jgħid li bejn l-1890 u sal-ewwel gwerra dinjija Marsamxett kien rebaħ għadd kbir ta' tiġrijiet li sfortunament ħafna minnhom m'humiex irrekordjati.



l-qaddiefa tad-distrett ta' Marsamxett jippożaw għar-ritratt wara r-rebħ tal- ħames paljijiet tal-ewwel tar-Regatta fl-1910

"Inutli li xi wħud mid-dilettanti jippruvaw itappnu dan is-suċċess Belti billi jsemmu l-pika u r-rivalitá li kienet teżisti bejn Marsamxett u l-Isla fil-korsa tal-Ferilli u l-ġlied li kien jinqala' fost il-qaddiefa u l-partitarji taż-żewġ distretti. Għalija, il-korsa tal-Ferilli kienet l-isbaħ korsa li kienet issir qabel il-gwerra u l-ijed waħda li kienet popolari fost il-qaddiefa taż-żewġ portijiet … kienet aqwa u isbaħ minn ta' Bl-Erbgħa u kienu jintlagħbu ħafna mħatri fuqha.

"Missieri kien jiftakar tajjeb it-Tiġrija tal-Imħatra li saret mal-Bormliżi fuq id-dgħajjes tal-Midalji. Nisimgħu jgħid li din il-korsa tant kienet għal qalb il-Bormliżi, li meta fl-1907 id-dgħajsa tagħhom daħlet ras'imb ras ma' tagħna, u l-palju ngħata lilna, kien inqala' ħafna ġlied id-dwana fost il-partitarji, u kien proprju dan l-inkwiet li xi negozjanti miż-żewġ naħat iltaqgħu ħdejn is-suq tal-belt u ftehmu li jġerru liż-żewġ dgħajjes f'tiġrija oħra.

"Missieri kien jgħid li għall-ewwel, il-Bormliżi xtaqu li t-tiġrija ssir fil-Port il-Kbir, iżda peress li kien ikun mimli bastimenti tal-Gwerra l-awtoritajiet Ingliżi ma tawx permess li ssir fil-port u minflok ħareġ permess biex issir fil-Port ta Marsamxett.

"Kien żmien meta Marsamxett kien armat tajjeb fid-dgħajjes ta' bl-Erbgħa, f'tal-Midalji u qawwa kbira fil-Ferilli. Il-ġlied li kien jinqala' f'kull korsa ġieli werwer lil ħafna nies li kienu jinżlu bi ħġarhom f'xatt il-belt, iżda l-pulizija ġieli daħlu fuqna għalxejn u f'kemm ilni ngħidlek tinqala' ġlieda.

"Lilna dejjem għajruna li konna nibdew il-ġlied! Jakkużawna li meta konna naraw id-dgħajjes tagħna jaqtgħu lura konna nidħlu fil-kanal u nostakolaw lid-dgħajjes l-oħra bit-tfigħ tal-fliexken jew parati, iżda naċċertak li kemm l-Isla kif ukoll Bormla kellhom ħafna nies tal-ġlied u l-pjaċir tagħhom li jaqilgħu l-inkwiet.

"Illum jien xjaħt u saqajja m'għadhomx jippermettuli ninżel kuljum nara l-provi. Illum it-tiġrija ħadet daqqa lura u żgur li m'għadhiex popolari bħalma kienet fl-imgħoddi.

"Qed ngħid hekk, mhux għax id-distrett ta' Marsamxett illum m'għadux tajjeb daqs kemm kien dari, iżda għax illum teżisti apatija kbira fost id-dilettanti ta' kull distrett minħabba diversi raġunijiet – partikolarment in-nuqqas ta' qaddiefa, u li xi wħud mill-qaddiefa, illum jaqdfu ma' distrett u sena oħra jaqdfulek ma' distrett ieħor. Dari, il-qaddiefa li kienu jaqdfu ma' Marsamxett kollha kienu barklori li jaqgħilu l-għajxien tagħhom mill-Port ta' Marsamxett, u meta qaddief jiżżewweġ u jmur jgħix fil-Kottonera kien jitlef id-dritt li jaqdef magħna.

"Veru li llum il-premijiet tal-flus huma aħjar, iżda l-qaddiefa tal-lum jridu aktar! Kif taf int, illum (bidu tat-tmenijiet) id-distrett ta' Bormla jiddomina dawn it-tiġrijiet u naħseb li ħadd m'hu se jwaqqafhom.

"Lil sħabi, xjuħ bħali li kultant jiġu jarawni, jgħiduli li llum f'Marsamxett bilkemm isibu qaddiefa biex jieħdu sehem … mhux ħasra li distrett bħal Belt ma jsibx grupp ta' żgħażagħ biex jimla l-opri tiegħu.

"Nismagħhom jgħidu li l-Kalkara jieħdu sehem sempliċiment biex jonoraw l-impenn tagħhom. Il-kumitat tal-Marsa għandhom problemi kbar mal-qaddiefa. L-Isla għandha bosta żgħażagħ bla esperjenza. Il-Birgu armati tajjeb, u dejjem kif jgħidu, hu l-uniku distrett li jista' jagħti sfida lil ta' Bormla. Naħseb li ż-żmien huwa kontra tagħna u nibża' li din it-tradizzjoni qed titlef il-valur tagħha."

Dilettant ieħor, ħabib tiegħi huwa Alfred Camillieri (illum m'għadux magħna) - Bormliż li għandu għall-qalbu u jgħożż ħafna l-patrimonju ta' Belt twelidu, u fejn jidħol l-isport, wara r-Regatta Nazzjonali li hi l-isport favorit tiegħu jiġi l-football.

Ovvjament il-maġġoranza tal-partitarji Bormliżi wara r-Regatta jiġi l-football, u bir-raġun kollu għax il-club St. George's huwa l-eqdem f'Malta u jmur lura sal-1880. Alfred għamel xi żmien jagħti sehmu fuq Radju Kottoner, u għalhekk kif wieħed jimmaġina, peress li t-tnejn kellna għal qalbna r-Regatta, ġieli tkellimna dwarha, b'mod speċjali sehem Bormla f'din id-drawwa antika. Darba dar fuqi u minn taħt l-ilsien qalli:

"S'intendi, missieri bħal kull Bormliż ieħor kien dilettant kbir ta' dawn it-tiġrijiet. Niftakar tajjeb, fiż-żmien il-provi hu kien jieħu pjaċir jinżel ix-xatt, u hemmhekk jingħaqad mal-Bormliżi l-oħra li bi ħġarhom kienu jagħtu sapport kbir lill-qaddiefa tagħna, waqt li dgħajsa wara l-oħra kienu jieħu t-triq minn Ras Ħanżir sad-Dwana.

"Żmien missieri kien żmien il-Ferilli u l-pika kbira li kienet tinħoloq fuqhom. Kien żmien tat-Tinet u tal-Posta. Ċertament li għal Bormliżi kollha kien żmien ta' glorja u ta' suċċessi kbar. Dak iż-żmien it-tiġrijiet tad-dgħajjes kienu popolari ħafna man-nies li kienu jabitaw fiż-żewġ portijiet għal żewġ raġunijiet - l-ewwel waħda għax dawn it-tiġrijiet huma parti mill-folklor tagħna li il-hom isiru mijiet ta' snin, u t-tieni, sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (biex ma ngħidx sas-snin sittin) kien l-uniku sport tal-baħar li kellna f'pajjiżna apparti dak tal-Waterpolo, li sa qabel il-gwerra l-Isla kellhom team tajjeb ħafna u minkejja li ftit tas-snin ilu saru tentattivi biex jippruvaw jorganizzaw il-club mill-ġdid, sfortunatament ma sabux koperazzjoni biżżejjed mill-għaqdiet tal-lokal u mill-gvern.

"Il-poplu Bormliż minn dejjem kien affaxxinat fuq l-opri tal-baħar, tant li l-istoriċi jsostnu li fis-seklu sbatax xi barklori organizzaw xi tiġrijiet simili fil-viċinanza tax-xatt. M'hemmx dubju li dan ix-xatt kien jestendi 'l ġewwa minn fejn illum hemm il-Baċir tat-Tarzna u għalhekk kien hemm spazju biżżejjed biex jorganizzaw dawn it-tiġrijiet.

"Jien niftakar tajjeb it-tiġrijiet tad-dgħajjes li saru wara l-gwerra u s-sehem ta' Bormla mill-1958 sal-1968, meta dan id-distrett rebaħ ix-Shield għall-ewwel darba. Sfortunatament meta tlajt noqgħod f'Santa Luċija nqbadt b'impenji oħra u ma stajtx inkompli nsegwi l-provi bħal qabel, iżda xorta waħda bqajt ninteressa ruħi fir-Regatta u fis-suċċessi li kien qed jikseb il-club Bormliż f'dawn it-tiġrijiet.

"S'intendi x-xogħol u ż-żmien ma jħallikx attiv kemm tkun tixtieq, iżda f'Jum il-Vitorja, meta għal xi raġuni jew oħra ma kontx inkun nista' ninżel nara r-Regatta kont nieħu ħsieb li maġenbi nżomm radju biex nisma' r-riżultati li kienu jingħataw direttament mid-dwana wara kull tiġrija

"Illum, jiddispjaċini ngħid li din it-tradizzjoni tilfet dik il-popolarità li kienet tgawdi qabel il-Gwerra u anke fis-snin ta' wara 50/60. Waqt li l-qaddiefa ta' dari kienu xi ftit aggressivi u minħabba hekk kien jinqala' ħafna ġlied, illum, għalkemm r-Regatta hi aktar sportiva u m'għadux jinqala' nkwiet fiha, b'danakollu saret iżjed kummerċjali u għalhekk tilfet is-sens veru tagħha.